

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

12.2.2007

0019/2007

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Daniel Stroj, Athanasios Pafilis u Tobias Pflüger

dwar l-istazzjonar ta' bażi tar-radar ta' l-Istati Uniti kontra l-missili fir-
Repubblika Ċeka

Data ta' skadenza: 14.5.2007

0019/2007

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-istazzjonar ta' bażi tar-radar ta' l-Istati Uniti kontra l-missili fir-Repubblika Ċeka

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-gvern ta' l-Istati Uniti fid-19 ta' Jannar 2007 talab lill-gvern Ċek biex jingħata bidu għal negozjati relattivi għall-installazzjoni ta' stazzjon tar-radar għal bażi Amerikana kontra l-missili fit-territorju tar-Repubblika Ċeka, u billi l-gvern Ċek, li għandu l-aktar appoġġ dgħajjef miċ-ċittadini tiegħu mindu ġiet imwaqqfa r-Repubblika Ċeka, wera pożizzjoni favorevoli,
- B. billi l-baży kontra l-missili proprja ta' l-Istati Uniti, skond informazzjoni disponibbli fil-preżent, għandha tiġi stazzjonata fil-Polonja, li permezz tagħha l-preżenza militari ta' l-Istati Uniti fl-Ewropa Ċentrali tissaħħaħ b'mod kunsiderevoli,
- C. billi l-istazzjonar ta' sistemi ta' armi ta' l-Istati Uniti fil-pajjiżi msemmija hawn fuq iwassal għal ġirja ġdid għall-armamenti u dawn is-sistemi ta' armi ma jgħibux protezzjoni iżda sors kontinwu ta' periklu mhux biss għaċ-ċittadini tar-Repubblika Ċeka u tal-Polonja, iżda anki għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra ta' l-UE,
- D. billi l-politika ta' difiża aggressiva tal-gvern attwali ta' l-Istati Uniti, ibbażata fuq interessi imperjalistiċi u ta' dominazzjoni, thedded anki l-paċi fl-Ewropa,
- 1. Jitlob lill-gvern tar-Repubblika Ċeka biex jerġa' jikkunsidra l-pożizzjoni favorevoli tiegħu għat-talba ta' l-Istati Uniti ta' stazzjonar ta' baży tar-radar fir-Repubblika Ċeka, u, jekk ma jasalx għal evalwazzjoni ġdida, biex jieħu l-passi kollha neċessarji biex jorganizza referendum dwar din il-kwistjoni;
- 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Ċeka.